# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 6 ta' Gunju 2022

Rikors Nru. **9/2018JZM (illum ISB)**

**Wara l-provvedimenti ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet:**

**P.M.S. Holdings Ltd (C4146)**

**Vs**

**X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti P.M.S (Holdings) Ltd tat-12 ta' April 2022;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' April 2022;

Rat ir-risposta tal-legatarji ta' Peter Muscat Scerri tat-2 ta' Gunju 2022;

Rat ir-risposta ta' Maria Dolores s. Doris Muscat Scerri tat-3 ta' Gunju 2022;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jigi maghmul car illi din il-qorti kif issa preseduta mhux qed tbiddel u xejn ma ghandu jigi interpretat illi b'dan id-digriet qed jinbidel xi haga minn dak deciz

minnha kif diversament preseduta bil-provvediment tat-28 ta' Jannar 2021, ghajr ghal dak mitlub u hawnekk deciz.

Illi wara illi d-direttur appuntat mill-Qorti bil-provvediment tat-28 ta' Jannar 2021, ossia, Dr Richard Galea Debono, gie ezonerat mill-inkarigu tieghu b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2021 fuq talba tieghu stess, is-socjeta' rikorrenti ressqet l-odjerna talba biex jinhatar direttur iehor ghas-socjeta' Jaguar Limited.

Illi ghalhekk dan id-digriet ghandu jiqi meqjus biss ghal finijiet u effetti ta' tali sostituzzjoni mitluba.

Illi il-partijiet interessati ressqu r-risposta taghhom wara illi l-Qorti ordnat in-notifika, u l-Qorti hadet konjizzjoni tal-istess risposti.

Illi l-Qorti tibqa' tqis anke f'dan l-istadju u ghall-istess ragunijiet msemmija fil-provvediment tat-28 ta' Jannar 2021, illi ma jkunx ghaqli illi xi hadd mill-partijiet interessati jkun mahtur hu biex iservi ta' direttur tal-kumpannija Jaguar Limited.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tahtar lill-**Avukat Jean-Pie Gauci Maistre** bhala direttur tal-kumpannija Jaguar Limited (C10417) ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Tordna illi kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat mis-socjeta' rikorrenti lill-Avukat Jean Pie Gauci Maistre.

Onor. Ian Spiteri Bailey
Imhallef

Marisa Bugeja
Deputat Registratur